

32003R0666

12.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 96/11

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 666/2003**  
**tal-11 ta' April 2003**  
**li proviżorjament jawtorizza l-użu ta' ċertu mikro-organiżmi fl-għalf tal-bhejjem**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tikkonċerna l-additivi fl-għalf ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) Nru 1756/2002 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 9e(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 70/524/KEE titlob li l-ebda additiv ma jtipogġa fiċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba ma tingħatax awtorizzazzjoni mill-Komunità.
- (2) Fil-każ tal-additivi msemmija f'Parti II ta' l-Anness C tad-Direttiva 70/524/KEE, li tinkludi mikro-organiżmi, awtorizzazzjoni proviżorja għal additiv ġdid għall-użu fl-għalf tal-bhejjem tista' tingħata jekk il-kondizzjonijiet mniżżla f'dik id-Direttiva jkunu milħuqa, u jekk ikun raġonevoli li wieħed jassumi, fid-dawl tar-riżultati aċċessibbli, li meta wżati fin-nutrizzjoni tal-bhejjem jkollhom wieħed mill-effetti msemmija fl-Artikolu 2(a) ta' dik id-Direttiva. Awtorizzazzjoni proviżorja bħal din għandha tingħata għal perijodu li ma jaqbiżx l-erba' snin.
- (3) L-istima ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sottomessa, fir-rigward tal-preparazzjoni tal-mikro-organiżmi, speċifikata fl-Anness ta' dan ir-Regolament, turi li l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9e (1) tad-Direttiva 70/524/KEE huma milħuqa.
- (4) Il-preparazzjoni tal-mikro-organiżmu għandha għalhekk tiġi awtorizzata fuq bażi proviżorja għal perijodu ta' erba' snin.
- (5) Il-Kumitat Xjentifiku għan-Nutrizzjoni ta' l-Annimali ta opinjoni favorevoli fuq is-sigurta tal-preparazzjoni, li tagħmel parti mill-grupp "Mikro-organiżmi", konformi mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament għall-ħannus u l-ħnieżer għas-simna.

- (6) L-istima ta' l-applikazzjoni turi li ċertu proċeduri huma meħtieġa biex ikunu protetti l-ħaddiema mill-esposizzjoni għall-additivi msemmija fl-Anness. Madankollu, protezzjoni bħal din hija assigurata bl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-sigurta u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol <sup>(3)</sup>.

- (7) Il-miżuri mniżżla f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-additiv li jagħmel parti mill-grupp "Mikro-organiżmi" msemmi fl-Anness huwa awtorizzat għall-użu bħala additiv fl-għalf tal-bhejjem taħt il-kondizzjonijiet mniżżla fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' April 2003.

*Għall-Kummissjoni*  
David BYRNE  
Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.  
<sup>(2)</sup> ĠU L 265, tat-3.10.2002, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

## L-ANNESS

Nru (jew Nru KE)	Additiv	Formula Kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-animall	Eta massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispozzizzjonijiet oħra	Tmiem il-perijodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' l-għalf tal-bhejjem lest			
<b>"Mikro-organiżmi"</b>								
22	Enterococcus faecium DSM 7134	Preparazzjoni ta' l-Enterococcus faecium li fiha minimu ta':  Trab: $1 \times 10^{10}$ CFU/g ta' granuli ta' additiv (mikro-inkapsulati):  $1 \times 10^{10}$ CFU/g ta' additiv	Ħannus  Ħnieżer għas-simna		$0,5 \times 10^9$  $0,2 \times 10^9$	$4 \times 10^9$  $1 \times 10^9$	L-istruzzjonijiet għall-użu għandhom jindikaw it-temperatura tal-ħażna, it-tul ta' żmien kemm jista' jidur maħżun u l-istabilità tat-tgħerbib f'boċċi żgħira ta' l-additiv u t-taħlita ta' qabel.	tal-15.4.2007